# "Xirka tal-Malti għat-Tfal"

*Fil-Kulleġġ "Stella Maris"*

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tilqa' bil-ferħ kollu l-aħħar wirja tal-ġibda lejn il-Malti tal-ġenerazzjoni li tielgħa – it-twaqqif ta' Xirka tal-Malti għat-Tfal fi Stella Maris College, Gżira, minn Brothers Amedy u Henry fl-10 ta' Frar 1943. Idijal wieħed ma' tagħna jdawwal din ix-xitla ġdida; "li jsawwar qalb it-tfal imħabba ewlenija għall-Ilsien Malti biex dan, waqt li jiġi megħjun u mirfud b'ħidmithom jirbaħ kollha kemm huma jeddijietu" u timxi "dejjem u fuq kollox id f'id" mal-Għaqda tagħna. Il-ħidma tagħha tinfirex fuq bosta fergħat tal-ħajja letterarja-drammatika eċċ. Issir Akkademja letterarja darba fis-sena nhar S. Ġwann Battista de La Salle, toħroġ rivista ċkejkna, lezzjonijiet darba f'xahar fuq il-Malti lill-Membri, tnedija ta' Konkors kull tliet xhur, u stħarriġ tat-tfal għall-Palk Malti. Għalkemm imwaqqfa fil-Kulleġġ tal-Freres tilqa' fi ħdanha t-tfal kollha ta' Malta u Għawdex ta' bejn it-12 u 18-il sena u tagħraf bħala patrun tagħha l-S. Ġwann Battista de la Salle li ħadem ħafna biex iġib 'il quddiem ilsienu meta dan ma kienx magħruf f'pajjiżu. Minn xirka bħal din nistennew ġid kbir għal Artna u Lsienna.

Jalla x-xirka għat-tfal tgħaddi 'l quddiem.

Jinbiegħ 6d.



IT-TIELET KTIEB
TAD-DSATAX-IL SENA

SETTEMBRU
1943

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Editorjal—Il-Malti fl-Edukazzjoni | Faċċ. 49 |
| Rużar Briffa—*Dwejjaq Missirijietna* | " 51 |
| Vic. Apap—*Xemx ta' Settembru* | " 52 |
| Ġużè Galea—*God save the King* | " 53 |
| A. V. Vassallo—*It-8 ta' Settembru—Londra, 1942.* | " 59 |
| Dun Pawl—Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett | " 61 |
| Alb. M. Cassola—MDLXV | " 67 |
| N. Biancardi—*Innijiet* | " 69 |
| Brother Amedy—Insewwu l-iżbalji tagħna | " 70 |
| E. Agius—*Air Raid* | " 72 |